MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 68/2013

**Josephine Farrugia K.I. 128351(M)**
**Carmelina Xuereb K.I. 552935(M)**
**Dr. Teddie George Farrugia K.I. 69551(G)**
**Monica Farrugia K.I. 260055(M)**

**vs.**

**Antony Lee Borg K.I. 43214(A)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, fejn intqal illi:

> L-atturi huma sidien ta’ appartamenti fil-blokk mingħajr numru uffiċjali jismu Gardenia Flats, Triq il-Baċir, Msida, u cioe Josephine Farrugia hija proprjetarja tal-appartament internament immarkat numru 1, Carmelina Xuereb hija s-sid tal-appartament internament immarkat numru 3, u Dr. Teddie George Farrugia u martu Monica Farrugia huma s-sidien tal-appartament internament immarkat numru 5.

L-intimat għandu l-appartament internament immarkat numru 2 fl-istess blokk ta' ħames appartamenti jismu 'Gardenia Flats' fi Triq il-Baċir, Msida.

L-intimat naqas li jħallas sehmu mill-kontribuzzjonijiet perjodiċi u spejjeż għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-blokk u għall-manutenzjoni tal-lift li jservi l-blokk, liema ammonti huma dovuti lill-atturi peress li dawn kellhom joħorġu l-ispejjeż provviżorjament minn buthom.

L-intimat għandu jħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2157.38) rappreżentanti elf u mitejn ewro (€1200) kontribuzzjonijiet għall-partijiet komuni tal-blokk dovuti f'ammonti ta' mitejn Euro kull sitt xhur bil-quddiem għall-perjodi bejn Lulju 2010 u Lulju 2013, u disa' mija u sebgħa u ħamsin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€957.38) sehem l-intimat mill-ispejjeż u t-tiswijiet li kellhom isiru fil-lift tal-blokka.

Għalhekk l-atturi qed jitolbu mingħand l-intimat il-ħlas tal-ammont ta' €2157.38 flimkien mal-imgħaxijiet.

Bl-ispejjeż

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2157.38), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Frar 2013, li hija d-data tal-preżentata tal- Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------